

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2006/2018(BUD)

12.9.2006

OPINJONI

għall-Kumitat għall-Baġit

dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja
2007
(C6-0000/2006 - 2006/2018(BUD))

Taqsimha III - Kummissjoni

Rapporteur għal opinjoni: Giovanni Pittella

PA_NonLeg

ĠUSTIFIKAZZJONI

L-abbozz ta' opinjoni preżenti juża bħala referenza l-abbozz preliminari ta' baġit (l-APB) għas-sena finanzjarja 2007 li ppubblikat il-Kummissjoni fit-3 ta' Mejju 2006.

1. Rimarki ġenerali

Ir-rapporteur tagħkom jixtieq iwassal evalwazzjoni kkwalifikata dwar l-evoluzzjoni favorevoli ta' l-appropriazzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-iStrateġija ta' Liżbona kif inhi riflessa fl-iżvilupp tal-kapitli ta' l-APB.

Fil-qafas tal-miżura finanzjarja multi-annwali 2007-2013, l-appropriazzjonijiet ta' l-APB huma organizzati taħt 7 titoli li minnhom tnejn jistgħu parzjalment jaqgħu taħt il-loġika li fuqha hija bbażata l-iStrateġija ta' Liżbona. L-iżvilupp ta' l-għajjuniet li ġew allokatilhom huma komparabbli ma' żieda globali fil-baġit ta' +4.6%. Kif ukoll :

- L-impenji fil-qafas tal-Kompetittività għall-iżvilupp u l-impiegi qed jiżdiedu bi +11.5% għal 8796.1 miljun Euro. Dawn jinkludu l-ispejjeż marbuta mal-Programm għall-Innovazzjoni u l-Kompetittività (+53.6%), għan-Netwerks Transewropej (+18%), u għas-Seba' Programm ta' Riċerka (+3.4%).

- L-impenji fil-qafas tal-Koeżjoni għat-tkabbir u l-impiegi, li jikkorrispondu mal-fondi strutturali, qed jiżdiedu, min-naħa tagħhom, b' +14.8% għal 45 486.6 miljun Euro.

Dawn l-appropriazzjonijiet huma mqassmin fost diversi oqsma ta' attività, Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, Intrapriżi, Ambjent, is-Soċjetà ta' l-Infommazzjoni, Enerġija u Trasport li l-parti l-kbira minnhom ma jaqgħux taħt il-kompetenza diretta ta' l'ECON iżda li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' l-iStrateġija ta' Liżbona.

Dan l-iżvilupp ta' l-impenji globalment favorevoli għandhom bla dubju jkunu diretti lejn il-linji ta' interess dirett għall-ekonomia Ewropea. Jekk l-iżvilupp relattiv ta' l-appropriazzjonijiet imur fid-direzzjoni t-tajba, l-iżvilupp tagħhom f'valur assolut għal-linji li jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-ispejjeż marbuta mal-kompetittività, ma' l-appoġġ għall-SMEs, ma' l-għajnuna għall-innovazzjoni, madankollu, jibqa' modest minħabba l-ammonti tal-bidu.

2. Spejjeż amministrattivi fil-qasam tal-politika "Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji" (linja baġitarja 01 01 01)

Ir-Rapporteur tagħkom jinnota b'sodisfazzjon żieda ta' 8.1% meta mqabbla ma' l-2005 fl-appropriazzjonijiet attribwiti għall-ispejjeż tal-personal li jkun fuq xogħol. Ir-Rapporteur tagħkom iqis li huwa indispensabbli li s-servizzi tal-Kummissjoni jiddisponu minn riżorsi adegwati sabiex jirrispondu għall-ħidmiet fdati fi ħdan dan il-qasam u li ż-żieda proposta hija sodisfaċenti.

3. Koordinament u Mmonitorjar ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja (linji baġitarji 01 02 02)

Ir-Rapporteur tagħkom jilqa' bil-ferħ iż-żieda ta' +4.9% ta' din il-linja baġitarja li hi proposta mill-Kummissjoni għaliex hu indispensabbli li dawk li jagħmlu d-deċiżjonijiet politiċi u l-opinjoni pubblika jiddisponu minn analiżi ta' kwalità tajba sabiex ikunu jistgħu jimmonitorjaw b'mod effettiv l-iżviluppi ta' l-ekonomija Ewropea.

4. Prince - Komunikazzjoni relatata ma' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja, inkluż l-Euro (linja baġitarja 01 02 04)

Ir-Rapporteur tagħkom jilqa' ż-żieda sostanzjali, +40%, iddedikata lill-Programm PRINCE. Il-kampanji ta' informazzjoni dwar l-Unjoni Monetarja Ewropea (l-EMU) jikkostitwixxu strument vitali għaż-żona ta' l-Euro. L-istħarriġiet ta' l-opinjoni fil-fatt urew tnaqqis fl-appoġġ għall-Euro li bla dubju parti minnu huwa dovut għall-fatt li ċ-ċittadini ma' ngħatawx informazzjoni biżżejjed dwar il-ġid li joffri mill-EMU u dwar l-impatt reali fuq il-prezzijiet meta tiddaħħal l-Euro. Jeħtieġ li jsiru kampanji ġodda fl-Istati Membri l-ġodda, b'mod partikolari f'dawk li waslu fi stadju avanzat ta' thejjiya bil-għan tad-dħul tagħhom fiż-żona ta' l-Euro.

5. Programm għall-Innovazzjoni u l-Kompetittività (linja baġitarja 01 04 04)

L-oġġettiv ta' din il-linja huwa l-appoġġ għall-intrapriżi ż-żgħar u għall-innovazzjoni permezz ta' l-għajjnuna għall-aċċess għas-sorsi ta' finanzjament. Il-Programm għall-Innovazzjoni u l-Kompetittività jimmira li jinkludi fi pjan komprensiv id-diversi programmi t'appoġġ għall-produttività, l-innovazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli. Jeħtieġ li jkunu inkuraġġuti l-isforzi kollha li għandhom il-għan li lill-SMEs li jesperjenzaw diffikultajiet iħaffulhom l-aċċess għal finanzjament raġonevoli. Madanakollu, in-numru kbir ta' dawn il-programmi ma jippermettix l-interpretazzjoni faċli ta' l-oġġettivi li jridu jintlaħqu.

Ir-Rapporteur jilqa' bil-ferħ iż-żieda ta' +55.3% fl-appropriazzjonijiet ta' impenn. Madanakollu, f'dak li hu valur assolut, l-ammonti allokat għal din l-għajjnuna jibqgħu modesti: 142.1 miljun Euro ta' appropriazzjonijiet ta' impenn u 117-il miljun Euro biss ta' appropriazzjonijiet ta' ħlas (+30%).

6. Fondi għall-Investment Ewropew (linja baġitarja 01 04 09)

Il-parteciġazzjoni tal-Fondi għall-Investment Ewropew (l-EIF) fit-tizjod ta' kapital tingħata merħba sabiex ikun iffavorizzat il-kapital ta' riskju.

7. Rappreżentanza ta' l-UE fi ħdan l-IASB

Il-ħtieġa li tittejjeb il-proċedura ta' tifsil u ta' adozzjoni ta' l-istandards ta' kontabilità maħruġa mill-Bord Internazzjonali għall-iStandards fil-Kontabilità (l-IASB) li għalih l-UE ddelegat de facto il-kompetenza tagħha f'dak li jirrigwarda standards ta' kontabilità li sar permezz tat-twaqqif ta' finanzjament li mistenni jikkontribwixxi għal tmexxija mtejba ta' dan l-organu. Minħabba d-diversi skemi ta' finanzjament li mistennija jkunu implimentati, jaqbel li l-Kummissjoni tkun f'pożizzjoni li, jekk ikun il-każ, iggħib finanzjament dirett. Barra minn hekk, jaqbel li r-riżorsi ta' personal ta' kwalità li għandha l-Kummissjoni jkunu adattati sabiex jiffaċċjaw dawk li huma l-kwistjonijiet prinċipali għall-intrapriżi u l-ekonomija Ewropea li jirrappreżentaw l-istandards ta' kontabilità.

8. Spejjeż amministrattivi fil-qasam tal-"Politika ta' Kompetizzjoni" (linja baġitarja 03 01 01)

Iż-żieda ta' +7.5% mqabbla ma' l-2006 fl-appropriazzjonijiet attribwiti għall-ispejjeż tal-personal li jaħdem fil-qasam tal-politika ta' kompetizzjoni tidher li qiegħda taqbel maż-żieda indispensabbli fir-riżorsi umani sabiex jirrispondu għall-ħidmiet fdati fi ħdan dan il-qasam.

9. Programm Fiscalis 2007 (linja baġitarja 14 05 31)

Il-programm Fiscalis, li għandu l-għan li jtejjeb l-operazzjoni tas-sistemi tat-taxxa fuq is-suq intern, jidher li hu effettiv ħafna. Jidher, għalhekk, li hu importanti li jkunu assenjati l-mezzi kollha meħtieġa għal dan il-programm li ta prova ta' l-effikaċja tiegħu fl-imgħoddi. Żieda fl-appropriazzjonijiet ta' aktar minn dik ta' +2.3% prevista fl-ADP tidher li hija meħtieġa.

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarjiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat risponsabbli, biex jinkludi fil-proposta għal risoluzzjoni li se jadotta, is-suġġerimenti li ġejjin:

1. ifakkar fil-pożizzjoni rikorrenti tal-Parlament Ewropew favur miżuri li jaqgħu fi ħdan l-iStrateġija ta' Liżbona, b'mod partikulari l-għajnuna għall-SMEs u għall-innovazzjoni, il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, il-miżuri ta' promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs, il-politiki taħriġ tul il-ħajja kollha; jilqa' l-isforzi f'dan il-qasam imma jinnota li ż-żieda fl-ammonti, importanti fil-valur relattiv, jibqgħu limitati fil-valur assolut;
2. japprova l-fatt li diversi programmi rilevanti tal-Programm ta' Qafas għall-Innovazzjoni u l-Kompetittività ġew ikkoordinati b'mod koerenti; jitlob, madanakollu, li d-diversi programmi favur l-SMEs ikunu perfettament ikkoordinati bejniethom u li l-SMEs li huma l-mira tagħhom ikunu infurmati tajjeb sabiex dawn il-programmi jikkostitwixxu għajnuna effettiva għalihom;
3. jitlob li jiġu previsti mezzi sabiex il-Kummissjoni tkun f'pożizzjoni, jekk ikun il-każ, li ġġib finanzjament dirett għall-IASB biex isir kontribut għal tmexxija mtejba ta' dan l-organu fl-interess ta' l-UE;
4. itenni l-appoġġ tiegħu għall-Programm Fiscali 2007 bil-għan li tittejjeb l-operazzjoni tas-sistemi tat-taxxa fl-Unjoni Ewropea u li tħarreġ il-ħaddiema fis-servizz ċivili nazzjonali, kemm jekk fil-qasam tat-taxxa indiretta jew f'dik tat-taxxa diretta; għalhekk, jitlob li fl-appropriazzjonijiet previsti għall-Fiscali 2007 jkun hemm żieda superjuri għal dik proposta mill-ADP.
5. Jissuġġerixxi li l-effiċjenza ta' l-operazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni jiġu mtejba permezz ta' l-adozzjoni ta' approċċ trans-settorali fl-immaniġġjar tagħha; jitlob li l-ispiża amministrattiva tal-Kummissjoni tiġi mnaqqsa.

PROĊEDURA

Titolu	Abbozz ta' baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 - Taqsima III - il-Kummissjoni		
Numru tal-proċedura	2006/2018(BUD)		
Kumitat responsabbli	BUDGET		
Committee asked for its opinion Data tat-thabbir fis-seduta plenarja	ECON 0.0.0000		
Koperazzjoni aktar mill-qrib	no		
Draftswoman Data tal-ħatra	Giovanni Pittella 3.4.2006		
Eżami fil-kumitat	20.6.2006	11.7.2006	11.9.2006
Date suggestions adopted	12.9.2005		
Riżultat tal-votazzjoni finali	favur:	30	
	kontra:	0	
	astensjonijiet:	0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Zsolt László Becsey, Pervenche Berès, Sharon Bowles, Udo Bullmann, Ieke van den Burg, Jan Christian Ehler, Elisa Ferreira, José Manuel García-Margallo y Marfil, Donata Maria Assunta Gottardi, Gunnar Hökmark, Karsten Friedrich Hoppenstedt, Sophia in 't Veld, Othmar Karas, Piia-Noora Kauppi, Kurt Joachim Lauk, Astrid Lulling, Cristobal Montoro Romero, Joseph Muscat, John Purvis, Alexander Radwan, Bernhard Rapkay, Dariusz Rosati, Manuel António dos Santos, Margarita Starkevičiūtė, Sahra Wagenknecht		
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Harald Ettl, Satu Hassi, Vladimír Maňka, Thomas Mann, Giovanni Pittella		
Sostituti (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali			